MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Numru. 13/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Duncan Buttigieg ta' 29 sena, bin Mary Buttigieg, imwieled Pieta' fit-03 ta' Mejju 1983, residenti f'25 Triq Dun Guzepp Naudi, Ghaxaq, u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 244783(M)**

**u**

**Jennifer Galea ta' 26 sena bint Anthony u Rose nee' Zahra, imwielda Pieta' fit-18 ta' Frar 1987, residenti f'George, Triq il-Merhba, Fgura u detentrici tal-karta ta'l-identita numru 102687(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Duncan Buttigieg u Jennifer Galea akkuzati:

1. talli f'dawn il-Gzejjer bejn id-19 ta' Lulju 2007 u is-27 ta' Lulju 2007, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' tlett elef, erba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm3485.70) ghad-dannu ta' Payzone Co-Operative Ltd.
2. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fl-4 ta' Awwissu 2007, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm135) ghad-dannu ta' Joseph Falzon mis-Siggiewi.
3. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Awwissu 2007, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' tliet mija u disghin lira Maltin (Lm390) ghad-dannu ta' Sterling Jewellers.
4. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fl-4 ta' Awwissu 2007 b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' mitt lira Maltin (Lm100) ghad-dannu ta' Go Mobile;

5. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fit-08 ta' Awissu 2007, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) ghad-dannu ta' Classic Jewllers;

6. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fl-24 ta' Awissu 2007, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' tlieta u disghin lira Maltin (Lm93) ghad-dannu ta' Gram Jewellers;

7. U aktar talli talli f'dawn il-Gzejjer, fil-21 ta' Awissu 2007, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta'tliet mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm385) ghad-dannu ta' Miller Distributors;

8. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer bejn it-23 ta' Awissu 2007 u it-13 ta' Settembru 2007, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' elf erba' mija u disgha u sebghin lira Maltin (Lm1479) ghad-dannu ta' Maltapost plc;

9. **Lil Duncan Buttigieg wahdu** talli f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Gunju 2007 b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda

b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' erba' mija u hmistax-il lira Maltin (Lm415) ghad-dannu ta' Classic Jewellers;

10. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta bank privat b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew bil-firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zid jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

11. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

12. Kif ukoll talli b'hekk kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap.446 meta ikkometta reat iehor wara li inghata sentenza fejn gie illiberat taht kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien tliet snin, liema sentenza giet moghtija mil-Qorti tal-Magistrati fl-14 ta' Dicembru 2005;

13. U aktar talli b'hekk sar recidiva i termini ta'l-artikolu 49 et. sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati datata 7 ta' Frar 2007;

14. Lil Duncan Buttigieg u Jennifer Galea, talli f'dawn il-Gzejjer fid-29 ta' Ottubru 2007, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' disa' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm927) ghad-dannu ta' Vascas Enterprises Ltd.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali tat-08 ta' Frar 2010.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw illi ma ghandhomx oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi min-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputati qed jigu akkuzati b’zewg reati u cioe’ dak tal-frodi, kif ukoll bir-reat tal-falsifikazzjoni u l-uzu tad-dokumenti iffalsifikati. Illi mill-provi jirrizulta illi l-Prosekuzzjoni qed issostni illi l-imputati kienu fthiemu bejniethom illi jinfetah kont tat-tip kurrenti mal-bank HSBC u dana f’isem l-imputata Jennifer Galea. Jirrizulta illi dina Galea u l-imputat Duncan Buttigieg fiz-zmien ta’l-allegat kummissjoni ta’ dawn ir-reati kienu qed ighixu taht l-istess saqaf. Mill-provi akkwiziti jirrizulta illi huma ipprezentaw rwiehom f’diversi hwienet u stabbilimenti kummercjali fejn akkwistaw merce konsistenti f’oggetti tad-deheb u fidda, mobile phones u top up cards ghall-istess cellulari. Bhala pagament ghal dawn l-oggetti huma kienu qed jipprezentaw cekkijiet mahrugin fuq l-imsemmija kont bankarju intestat f’isem l-imputata Jennifer Galea. Jidher illi f’dan il-kont ma kienx hemm fondi u dana l-imputati kienu jafuh ben tajjeb stante illi kienu huma li ipprezentaw rwiehom il-bank sabiex jinfetah dana il-kont. Matul is-smigh tal-kawza instemghu diversi xhieda li minn ghandhom inxtraw l-oggetti in kwistjoni li fil-maggior parti gharrfu lill-imputat Duncan Buttigieg ghalkemm mhux kollha kienu f’posizzjoni igharrfu lill-imputata Jennifer Galea. Illi inoltre l-imputat Duncan Buttigieg, wahdu, seraq cekk mic-cekk book ta’ ommu Mary Buttigieg fejn giet iffalsifikata il-firma taghha fuq l-istess, liema cekk gie ipprezentat mill-imputati sabiex inxtrat xi gojjellerija mill-hanut Classic Jewellers.

Illi qabel ma l-Qorti tghaddi sabiex tezamina n-natura legali ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’l-imputati u jekk l-

istess akkuzi jistghux jissussistu fid-dawl tal-provi prodotti, qabel xejn ser tigi trattata l-kwistjoni ta'l-ammissibbilita' o meno ta'l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati, u dana billi d-difiza, b'mod specjali dik ta'l-imputat Duncan Buttigieg, issollevat dan il-punt kostituzzjonali u anke tallbet referenza kostituzzjonali li giet michuda minn dina l-Qorti.[1]

Illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija ta'l-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista' tressaq il-prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi irid jinghad illi il-ligi li tippermetti lill-persuna suspettata u li tkun qed tigi interrogata li ikollha access ghal parir legali kienet ghadha ma gietx fis-sehh. Kien biss permezz ta'l-Avviz Legali 35 tal-2010 illi id-disposizzjonijiet ta'l-artikoli 355AT u 355AU tal-Kapitolu 9 gew fis-sehh u dana mid-data ta'l-10 ta' Frar 2010.

Illi fuq skorta ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali recentement,[2] jirrizulta inkonfutabbilment illi id-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu japplika ukoll ghal *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Kwindi l-artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assientenza legali ghandu isib applikazzjoni anke fl-istadju ta'l-interrogazzjoni tal-persuna suspettata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali ta'l-interrogazzjoni. Sabiex dana id-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi thejji id-difiza taghha. Dana huwa vitali iktar u iktar fid-dawl tal-principju hawn fuq indikat illi fis-sistema penali

---

[1] Ara digriet tal-20 ta' Gunju 2011 a fols. 288 u 289
[2] Ara sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali – Il-Pulizija vs Alvin Privitera, il-Pulizija vs Mark Lombardi fost ohrajn.

taghna il-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha.

Dana kollu madanakollu ghandu jittiehed fid-dawl tal-proceduri kollha, fis-sens illi jekk dak mistqarr fl-istqarrija huwa issostanzjat minn provi ohra indipendenti, allura l-istqarrija tal-persuna akkuzata minghajr ma ittiehed l-parir legali ma hijiex wahedha ser twassal ghal kundanna taghha billi hemm provi ohra li jistghu iwasslu ghal sejbien ta' htija. Izda jekk l-uniku prova li ghandha l-prosekuzzjoni huwa dak mistqarr mill-akkuzat fl-istqarrija tieghu minghajr ma huwa kellu l-opportunita' li jikkonsulta ruhu ma' avukat u ghalhekk ihejji id-difiza tieghu billi ma jinkriminax ruhu fi stadju fejn huwa prezunt li ghadu innocenti, allura iva, dik l-konfessjoni migjuba bhala prova unika quddiem qorti tal-gustizzja kontra l-imputat hija leziva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u kwindi ghandha tigi skartata.

Illi kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali "Il-Pulizija vs Alvin Privitera":

***"Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghall-avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni. ...***

***Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimeddjabbilment pregudikat meta huwa jirrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat*** ***<u>u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu</u>.*** **(sottolinjar tal-Qorti).**

***Illi f'dan il-kaz l-unika prova li hemm kontra l-appellant hija l-istqarrija li hu irrilaxxja meta ma kienx assistit minn avukat u se tintuza ghall-conviction tieghu."***

Il-Qorti kompliet:

***"Ir-raguni tal-insistenza tal-Qorti Ewropeja dwar dan id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-***

***investigazzjoni hija minhabba l-principju li hadd m'ghandu jinkrimina ruhu kif ukoll biex jinzamm bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni. L-argument li altrimenti jkun difficli li l-pulizija tottjeni conviction mhux fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fit-thaddim ta' dan il-bilanc."***

Illi fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju li l-istqarrijiet ta'l-imputati gew rilaxxjati fiz-zmien meta il-ligi vigenti ma kenitx taghti dritt lil persuna interrogata li tikseb parir legali. Madanakollu f'dana il-kaz partikolari irid jigi mistharreg l-isfond li fih l-imputati irrilaxxjaw l-istqarrijiet taghhom. Jibda' biex jinghad illi mix-xhieda ta'l-Ufficjal Prosekutur jirrizulta illi iz-zewg imputati ma gewx mehuda lejn il-Kwartieri Generali tal-Pulizija abbazi ta' xi mandat ta' arrest. L-Ufficjal Prosekutur ighid:

**"*Kien fl-14 ta' Settembru 2007, fejn kont bghatt ghal Duncan Buttigieg u ghal Jennifer Galea, iz-zewg imputati li jiena qed naghraf prezenti fl-awla, fejn dawn <u>attendew volontarjament</u> fl-ufficcju tieghi gol-Kwartieri Generali tal-Pulizija u hemmhekk gew separatament interrogati wara li inghataw is-solita twissija.*" (sottolinjar tal-Qorti)**

Minn dina id-dikjarazzjoni ghalhekk jirrizulta illi l-imputati kellhom il-liberta' sal-mument fejn huma dahhlu fl-ufficcju ta'l-Ispettur Angelo Gafa. Xejn ma impediehom, kwindi, illi jiksbu parir legali qabel ma marru minn jeddhom fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija u jekk ma ghamlux hekk dana sar b'nuqqas imputabbli lilhom u lil hadd izjed. Hawnhekk huma jirrilaxxjaw l-ewwel stqarrija taghhom u cioe' dik ta' Duncan Buttigieg datata 14 ta' Settembru 2007[3], u dik ukoll datata 14 ta' Settembru 2007 ta'l-imputata Jennifer Galea.[4] Jidher illi iz-zewg imputati ma gewx mizmuma taht arrest wara li kienu gew interrogati. Fil-fatt huma jirilaxxjaw stqarrija ohra madwar tlett gimghat

[3] Ara Dokument AG1 a fol. 41
[4] Ara Dokument AG2 a fol.44

wara u cioe' fit-03 ta' Ottubru 2007.[5] Hawnhekk ukoll l-imputati, issa li diga gew interrogati mill-pulizija, kellhom zmien bizzejjed biex ikellmu avukat u jiehdu l-pariri legali li kellhom bzonn. Jekk dana ma ghamluhx, kien certament nuqqas taghhom! Di piu', fis-7 ta' Novembru 2007, xahar wara, l-imputat Duncan Buttigieg jirrilaxxja stqarrija ohra.[6] Fil-bidu ta' dina l-istqarrija Duncan Buttigieg, jigi mistoqsi jekk huwa jixtieqx jikkonferma l-istqarrijiet precedenti u huwa iwiegeb fl-affermattiv. Meta ghamel dan, kienu ghaddew issa kwazi xahrejn mill-ewwel darba illi huwa gie mitkellem mill-pulizija, zmien bizzejjed sabiex jara x'inhuma id-drittijiet legali tieghu u zmien bizzejjed sabiex l-imputat jifhem l-konsegwenzi ta'l-istqarrija li huwa kien ser jirrilaxxja lill-pulizija. Jerga' jigi ribadit illi l-imputat kellu kull opportunita jikseb parir legali u kien jaf ben tajjeb f'dana l-istadju xi provi kellhom kontra tieghu l-pulizija ghaliex dawn kienu diga gew imfissra lilu meta irrilaxxja l-ewwel zewg stqarrijiet u kwindi ma jistax jinghad illi bil-fatt illi l-ligi vigenti f'dak iz-zmien ma taghtux il-jedd li jikseb parir legali qabel ma gie interrogat b'xi mod kien leziv tad-dritt fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq f'dina il-kawza bl-ammissjoni ta'l-istqarrijiet tieghu bhala prova.

Illi fl-04 ta' Jannar 2008 gew istitwiti dawn il-proceduri fil-konfront taz-zewg imputati u l-ewwel smigh tal-kawza sehh fil-11 ta' Frar 2008 fejn dehru l-imputati assistiti minn Dr. Stephen Tonna Lowell. Gara illi ftit wara l-pulizija ircevew kwerela ohra mid-dirigenti tas-socjeta Vascas[7] fejn saret allegazzjoni illi l-imputat Duncan Buttigieg kien akkwista xi merce u hallas permezz ta' cekk li ma giex imsarraf. Il-pulizija ghalhekk regghu batu ghaz-zewg imputati fejn dawn irrilaxxjaw stqarrija ohra fit-28 ta' Frar 2008. [8] Illi l-imputati issa kienu diga qed jigu assistiti mid-difensuri rispettivi taghhom billi dawn il-proceduri kienu diga inbdew fil-konfront taghhom. Fil-fatt l-Ufficjal Prosekutur gie kostrett izid akkuza ohra fil-konfront taz-

[5] Ara Dokumenti AG3 u AG4 a fols. 47 u 49.

[6] Ara Dokument AG5 a fol.51

[7] Ara Dokument AG17 a fol.94 li ghalkemm jidher datat 13 ta' Frar 2007, madanakollu dana x'aktarx irid jinqara 2008, billi ic-cekk mahrug mill-imputati igib id-data tad-29 ta' Ottubru 2007. Ukoll fl-istess kwerela jinghad illi l-kwerelant ghamel rapport lill-pulizija fl-14 ta' Jannar 2008.

[8] Ara Dokumenti AG18 u AG19 a fols. 98 u 100

zewg imputati abbazi ta’ dana l-izvilupp. Illi ghal dawn il-motivi dina l-linja difensjonali ser tigi skaratat u l-Qorti ser tqies l-istqarrijiet kollha rilaxxjati miz-zewg imputati bhala parti mill-provi f’dina l-kawza.

Ikkunsidrat,

**<u>IL-FRODI</u>**

Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe’ bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta’ dana ir-reat u cioe’ l’uzu ta’ ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta’ Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta’l-elementi ta’ dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b’dan il-mod ghar-rigward ta’ dana ir-reat:

***“Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta’ serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f’dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta’ truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta’l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja***

***dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..”.*** Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta’l-element materjali ta’ dan id-delitt ta’ truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta’ dan id-delitt jista’ ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta’l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b’mezzi kontra l-ligi, jew
b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c. ta’ kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b’qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz,
g. jew ta’ hila
h. setgha fuq haddiehor jew
i. ta’ krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta’ haddiehor.

…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta’ truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta’ natura li jimpressjonaw bniedem ta’ prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta’ fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….”

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi ***“hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta’ l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti anke***

***kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid***
***jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-

elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : ***"L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta'l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-***

***ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Ikkunsidrat,

Illi mil-provi akkwisti, kif diga inghad, jirrizulta illi fis-17 ta' Lulju 2007 kien infetah kont bankarju mal-bank HSBC bin-numru 013-203559-001 f'isem l-imputata Jennifer Galea. Jidher car mid-dokumenti esebieti mill-prosekuzzjoni illi meta infetah dana il-kont bankarju ma intefghux fondi fih. Fil-fatt l-*opening balance* tal- kont huwa zero. Ukoll mil-istatement bankarju esebiet ma jidhirx illi qatt gew iddepozitati xi fondi fl-istess[9] Jumejn wara li jinfetah il-kont u cioe' fid-19 ta' Lulju 2007, jinhargu l-ewwel zewg cekkijiet bin-numru 1 u 2 fl-ammonti ta' Lm389 u Lm484. Dawn kienu pagabbli lil Payzone. Favur il-Payzone inharrgu zewg cekkijiet ohra bin-numri 3 u 4 fl-ammonti ta' Lm1187.70 u Lm1425. Fuq dawn ic-cekkijiet kollha hemm il-firma ta'l-imputata Jennifer Galea. Mix-xhieda ta' Alfred Scicluna direttur tas-socjeta Payzone, jirrizulta illi ghalkemm huwa ma kienx prezenti meta inbieghet il-merce konsistenti f'xi cards tal-Go Mobile lill-imputati, madanakollu ighid illi l-imputat tramite l-avukat tieghu kien avvicinah sabiex ihallas l-ammont dovut bin-nifs. Fil-fatt jikkonferma illi sar pagament wiehed ta' Lm195 li madanakollu ikopru il-hlas ta' zewg cekkijiet ohra f'ammonti zghar li ma humiex parti mil-kawza billi gew ritornati lill-imputat hekk kif sar l-pagament.

Illi fl-04 ta' Awwissu 2007, inhareg cekk bin-numru 5 favur l-imputat stess Duncan Buttigieg. Dana ic-cekk ukoll huwa iffirmat minn Jennifer Galea. Illi mix-xhieda ta' Joseph Falzon jirrizulta illi l-imputat kien ipprezentalu dana ic-cekk u tallbu sabiex isarraffulu. Meta Falzon mar sabiex jiddepozita dana ic-cekk fil-bank, huwa gie infurmat illi fil-kont ma kienx hemm fondi. Falzon ighid illi fl-20 ta' Awwissu 2007, l-imputat Duncan Buttiegieg kien hallsu

[9] Ara Dokument esebiet a fol.68

Lm70 mill-ammont dovut biex b'hekk fadal bilanc dovut ta' Lm65.[10]

Illi c-cekk bin-numru 6 inhareg fis-06 ta' Awwissu 2007 favur l-Isterling Jewellers. L-ammont kien ta' Lm390. Dana ic-cekk ukoll iffirmat mil-imputata Jennifer Galea baqa' ma giex imsarraf. Valerie Cutajar, manager mas-socjeta Sterling tikkonferma illi c-cekk gie ipprezentat lilha minn guvni u tfajla bhala hlas ghal xi oggetti tad-deheb mixtrija minnhom. Ix-xhud taghraf lill-imputat ghalkemm mhux lil Jennifer Galea. Tikkonferma madanakollu illi ghalkemm id-deheb intaghzel mil-guvni, kienet it-tfajla li iffirmat ic-cekk fil-presenza taghha.[11]

Fl-4 ta' Awwissu 2007,  gie mahrug ic-cekk numru 7 fl-ammont ta' Lm100 fejn inxtrat SIM card, mobile phone u xi top up cards. Ic-cekk huwa iffirmat minn Jennifer Galea u fuq in-naha ta' wara ta' dawn ic-cekkijiet hemm in-numru tal-karta ta'l-identita kemm ta'l-imputat kif ukoll ta' Jennifer Galea. Dana c-cekk ukoll baqa' ma issarrafx.[12]

Illi Paul Fenech, rapprezentant tal-Classic Jewellers ighid illi kienu gew mghoddija lilu zewg cekkijiet illi fil-fatt ma kenux gew imsarrfa. Wiehed fl-ammont ta' Lm400 datat 8 ta' Awwissu 2007 iffirmat minn Jennifer Galea u iehor ta' Lm415 datat 13 ta' Gunju 2007. Dan ta'l-ahhar kien iffirmat minn Mary Buttigieg, li hija omm l-imputat Duncan Buttigieg. Minn dana l-ahhar cekk jidher illi sar pagament fl-ammont ta' Lm216, biex b'hekk fadal bilanc dovut ta' Lm199.[13] Illi mix-xhieda ta' Mandy Scerri, li hija impjegata mal-Classic Jewellers jirrizulta illi c-cekk datat 8 ta' Awwissu 2007 kien sar mil-imputata Jennifer Galea li x-xhud gharrfet fl-awla. Tghid illi dak in-nhar Galea kienet wahedha u xtrat gizirana u brazuletta. Illi fir-rigward tac-cekk l-iehor mahrug fuq il-kont ta' Mary Buttigieg, ghandu jinghad illi omm l-imputat ghazlet li ma tixhidx fil-konfront ta' binha.[14] Inoltre l-istess Mary Buttigieg kienet irrinunzjat

---

[10] Ara xhieda ta' Joseph Falzon a fol142 u Dokument JF a fol.145

[11] Ara xhieda ta' Valerie Cutajar a fol.146 u Dokument VC a fol.150.

[12] Ara xhieda ta' Silvio Falzon a fol.154 u Dokumenti Sf u SF1  a fols. 157 u 158

[13] Ara xhieda ta' Paul Fenech a fols.198 u 206 u Dokumenti PF2, PF3 u PF4 a fol.209

[14] Ara verbal tal-11 ta' Jannar 2010 a fol.246

ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' binha fir-rigward tas-serq u uzu tac-cekk taghha u dana ai termini ta'l-artikolu 332 tal-Kodici Kriminali.[15]

Illi l-imputati ipprezentaw ic-cekk bin-numru 10 lil Gram Jewellers u dana fl-24 ta' Awwissu 2007 meta inxtrat xi gojellerija fl-ammont ta' Lm93. Leoni Parnis, sales girl impjegata mal-Gram, tikkonferma illi kien Duncan Buttigieg, li hija taghraf fl-awla li kien ipprezenta ruhu biex jixtri dina l-merce. Taghraf il-kalligrafija taghha fuq ic-cekk billi tghid illi kienet hi li imliet id-dettalji fuq ic-cekk. Ic-cekk kien iffirmat minn Jennifer Galea[16]. Illi minn tfittxija li kienet ghamlet il-pulizija fill-fond fejn kienu qed ighixu l-imputati "George Maisonette", Merhba Street, Fgura, gew elevati l-oggetti kollha li gew mixtrija mil-Gram Jewellers. Dina it-tfittxija kienet saret fil-presenza ta'l-imputata. Dawn l-oggetti kienu gew ritornati lil George Tabone bhala direttur tal-Gram Jewllers wara li gew fotografati.[17]

Illi c-cekk numru 12 gie ipprezentat lis-socjeta Miller Distributors fis-27 ta' Awwissu 2007 fl-ammont ta' Lm385. Katya Spiteri, sales assistant mal-Miller Distributors tiftakar illi kienet ipprezentat ruhha l-imputata Galea fejn din xtrat xi cards tal-mobile u tat-telephone. Dana ic-cekk baqa' ma issarrafx. Dina x-xhud ukoll taghraf lill-imputata bhala l-istess Jennifer Galea li ipprezentatilha ic-cekk.[18]

Illi Daniel Mifsud, li fiz-zmien indikat fl-akkuzi kien impjegat mas-socjeta Maltapost jiftakar illi kienet giet persuna tas-sess femminili li kienet xtrat diversi cards tal-Vodafone, tal-Go Mobile u tal-Easy Line fost cards ohra u kienet hallsitu permezz ta' zewg cekkijiet u cioe' ic-cekkijiet bin-numru 13 u 16 fl-ammonti ta' Lm330 u Lm321[19]. Ighid illi c-cekkijiet kienu vojta u kien mela id-dettalji fihom hu. Illi ic-cekkijiet numri 18 u 19 ukoll gew

---

[15] Ara rinunzja esebieta a fol.66 Dokument AG13

[16] Ara xhieda ta' Leoni Parnis a fol.171 u dik ta' George Tabone direttur tas-socjeta Gram Jewellers a fol.176

[17] Ara Seizure note esebieta a fol.53 Dokument AG6, Ricevuta esebieta Dokument AG8 a fol.55 u ritratti esebieti Dokument AG9 a fol.56. Ara ukoll ix-xhieda tal-PS474 Norbert Schembri li ghamel it-tfittxija.

[18] Ara xhieda ta' Katya Spiteri a fol.178

[19] Ara xhieda ta' Daniel Mifsud a fol.191

ipprezentati lil Maltapost fl-ammonti ta' Lm198 u Lm250 it-tnejn iffirmati minn Jennifer Galea. Dawn gew ipprezentati fil-fergha ta' Tas-Sliema. L-ahhar cekk bin-numru 20 huwa datat 13 ta' Settembru 2007, ukoll iffirmat minn Jennifer Galea fl-ammont ta' Lm380. Dan ta'l-ahhar gie ipprezentat fil-fergha ta' B'Kara[20]. Dawn ic-cekkijiet kollha ma issarrfux.

Illi kif diga inghad, wara li kienu diga inbdew dawn il-proceduri fil-konfront ta'l-imputati, il-Pulizija kienu ircevew rapport iehor minn ghand Arthur Castillo, direttur tal-Vascas Jewellers. F'dana il-kaz l-*modus operandi* ta'l-imputati kien l-istess bhal kazijiet l-ohra kollha. Castillo igharaf lill-imputata bhala wahda mil-persuni li kienet ipprezentata ruhha fil-hanut taghhom u xtrat diversi oggetti konsistenti f'gojellerija ghall-ammont total ta' Lm927. Dana ic-cekk baqa' ma issarrafx ghalkemm Castillo jidher illi kien ghamel kuntatt mal-imputata fejn din infurmatu illi l-oggetti mixtrija ma kenux ghadhom fil-pussess taghha.[21]

Illi finalment minn tfittxija li saret mil-pulizija, apparti l-oggetti appartenenti lil Gram Jewellers li instabu fil-post fejn kienu qed jirrisjedu l-imputati, instab ukoll ic-cekk book li kien inhareg f'isem l-imputata Jennifer Galea u li minnhom inharrgu ic-cekkijiet kollha mertu ta' dina l-kawza, ghajr ghac-cekk li kien jappartjeni lil Mary Buttigieg, omm l-imputat.[22]

Illi minn ezami ta' dawn il-provi, l-Qorti tistqarr li tista' tieqaf hawn ghaliex minnhom biss ma hemmx l-icken dubbju dwar ir-reita ta'l-imputati. Izda dana kollu isib imbaghad konferma fl-istqarrijiet rilaxxjati mil-imputati, li kif gie deciz iktar 'il fuq, dawn ser jigu ammessi bhala prova. L-imputati fl-istqarrijiet rilaxxjati minnhom jikkonfermaw 'l hekk imsejjah *common design* li huma kellhom sabiex jiddeffrodaw lil dawn in-nies kollha. Huma jaqqblu illi l-imputat Duncan Buttigieg kien heggeg lil Jennifer Galea, li

[20] Ara xhieda ta' Joseph Camilleri internal auditor Maltapost a fol.194 u Dokument JC1 sa JC5 a fol.197
[21] Ara xhieda ta' Arthur Castillo a fol.238 u Dokument AC1 a fol.241.
[22] Ara cekk book Dokument AG7 a fol.54.

f'dak iz-zmien kienu qed ighixu flimkien, sabiex tiftah kont bankarju f'isimha. Fuq istigazzjoni tieghu ghalhekk dawn it-tnejn bdew imorru f'diversi stabbilimenti jixtru l-merce. Dina l-merce jidher illi kienet tinbiegh mill-imputat Duncan Buttigieg lil terzi persuni, li hu ma xtaqx jizvela l-identita taghhom, u bil-flus dawn it-tnejn minn nies kienu ihallsu l-ispejjez ghal hajja ta' kuljum, fosthom il-kera tal-fond fejn kienu jirrisjedu, kif ukoll l-ikel u oggetti ohra bzonnjuzi ghal hajja.

Illi minn dana l-assjem tal-provi ghalhekk ma hemmx dubbju illi iz-zewg imputati holqu messa in xena shiha meta fethu kont bankarju li ma kellu l-ebda fondi fih u bl-intenzjoni li ma jiddepozitaw l-ebda fondi fih u ipprezentaw rwiehom b'cekk book mahrug fuq dana il-kont, fejn gieghlu lill-vittmi taghhom jemmnu illi dawn kellhom fondi biex jixtru l-oggetti mixtrija, meta fil-fatt huma kienu jafu ben tajjeb illi fondi ma kienx hemm. Kwindi l-akkuzi mahruga ai termini ta'l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 kollha jirrizultaw ippruvati.

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm minn qari ta'l-akkuza, jidher illi huwa biss l-imputat Duncan Buttigieg li qed jigi akkuzat bir-reat tal-frodi u il-falsifikazzjoni in konnessjoni mac-cekk mahrug favur il-Classic Jewellers mil-kont ta' Mary Buttigieg, omm l-imputat, l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ma jaghmilx dina id-distinzjoni u jakkuza liz-zewg imputati b'dana ir-reat. Illi fl-istqarrija rilaxxjata mil-imputat Duncan Buttigieg datata 7 ta' Novembru 2007[23], l-imputat ighid hekk:

**"Kont jien li lil ommi hadtilha c-cheque book kollu b'cekkijiet ohra fih u dan bla ma kienet taf u wara li fit-13 ta' Gunju 2007 iffalsifikajt l-firma taghha fuq ic-cekk numru 40, kont mort il-Classic Jewellers gewwa Ta' Sliema u hemmhekk kont xtrajt choker tad-deheb ghall-ammont ta' Lm415 permezz ta' dan ic-cekk numru 40. Din c-choker kont wara bieghejtha lil**

[23] Ara Dokument AG5 a fol.51

**persuna li ma nixtieqx nghid min hu ghall-ammont ta' Lm50. Kont naf illi ommi ma kellhiex flus go dak il-kont. Bil-Lm50 li gbart mil-bejgh ta' dan ic-choker ma niftakarx x'ghamilt."**

Illi minn dina l-affermazzjoni ma hemmx dubbju illi l-imputata Jennifer Galea ma ghandha x'taqsam xejn la mal-falsifikazzjoni tal-firma ta' Mary Buttigieg u lanqas max-xiri tal-oggetti mil-hanut tal-Classic Jewellers gewwa Tas-Sliema.

Illi maghdud dana kollu il-Qorti hija tal-fehma illi hawnhekk ghalhekk huwa biss l-imputat Duncan Buttigieg li ghandu jinsab hati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali u cioe' 'l hekk ismejjah falz materjali, kif ukoll tar-reat tal-frodi biss in konnessjoni ma' dana ic-cekk.

Ikkunsidrat,

Illi finalment, ghalkemm jerga' jinghad fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali z-zewg imputati huma addebitati bir-recidiva, madanakollu ma jidhirx illi l-imputata Jennifer Galea tista tinstab hatja li hija recidiva billi ghandha fedina penali nadifa u inoltre l-ebda prova dwar l-istess ma saret fil-konfront taghha. L-istess ma jistax jinghad ghall-imputat Duncan Buttigieg fejn l-akkuza tar-recidiva giet ampjament ippruvata.[24] Illi ghalkemm l-imputat huwa ukoll akkuzat fl-akkuza numru 12 illi kiser il-provvedimenti ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ma jidhirx illi dina l-akkuza hija riflessa fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali. Kwindi dina l-Qorti ma hijiex ser tghaddi sabiex titratta mal-hati dwar l-istess. Oltre dan mill-fedina penali aggornata li tinsab annessa mar-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard, jirrizulta illi l-imputat kien diga gie trattat dwar l-istess b'sentenza tat-23 ta' Settembru 2009.[25]

---

[24] Ara sentenza esebieta Dokument AG12 billi s-sentenza Dokumenti AG11 a fols 58, dina ma tistax titqies ai fini ta' recidiva billi gie applikat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tieghu

[25] Ara rapport a fols. 317 u 318.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti tistqarr li ghalkemm ser tiehu in konsiderazzjoni is-social enquiry reports imhejjija fil-konfront taz-zewg imputati, madanakollu ma tistax titratta maz-zewg imputati bl-istess mod. Ibda biex l-imputata Jennifer Galea ghandha fedina penali netta li baqghet netta matul dawn il-proceduri. Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Mary Rose Farrugia jidher illi l-imputata ma regghetx xellfet difrejghha mal-gustizzja. Jidher illi hija waqqghet vittma ta'l-imputat Duncan Buttigieg li jidher li kellu influwenza qawwija fuqha u kien jilghab hafna bl-emozzjonijiet taghha. Fil-fatt ghalkemm il-genituri taghha kienu wissewha minn dana l-karattru, hija spiccat telqghet mid-dar u marret tghix mieghu fejn bdew imbaghad dawn is-sensiela ta' reati. Illum l-imputata ghandha impieg u jidher li ghandha hajja stabbli b'familja li taghtiha l-ghajnuna li ghandha bzonn u kwindi f'dawn ic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva certament ma hijiex idonja.

L-istess madanakollu ma jistax jinghad ghall-imputat Duncan Buttigieg. Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard jidher illi l-imputat qabad it-triq tan-nizla f'hajjtu u ghadu ma harigx minnha. Ghalkemm l-Qorti tifhem is-sitwazzjoni ta' sahha ta'l-imputat u l-problemi li huwa afflitt minnhom, madanakollu ma tistax tinjora il-fatt illi l-imputat huwa bniedem li irnexxielu idahhal tfajla innocent fix-xibka tieghu fejn spiccaw waqqghu vittmi tieghu bosta nies. Dana ghamlu billi huwa ried ighix hajja ta' xalar u anke waqa' vittma tal-vizzju tad-droga. Jidher illi l-imputat ghandu diversi kazijiet pendenti u diga gie misjub hati ghal reati simili bhal dawk itrattati f'dina l-kawza. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tinfliggi piena karcerarja effettiva b'rakkomandazzjoni illi matul il-permanenza tieghu fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin l-imputat jinghata l-kura kollha medika u psikologika sabiex igharaf jibda hajja mill-gdid hekk kif jiskonta il-piena tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 308, 310(1)(a)(b), u fil-konfront ta'l-imputat Duncan Buttigieg biss l-artikoli 308, 310(1)(b), 183, 17(h) 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-

imputata Jennifer Galea mil-akkuzi dwar il-falsifikazzjoni u ir-recidiva issib lill-imputati hatja tal-kumplament ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundanna lill-imputata Jennifer Galea ghal perijodu ta' tmintax-il xahar prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba' snin mil-lum, u tikkundanna lill-imputat Duncan Buttigieg ghal perijodu ta' sentejn prigunerija.

Il-Qorti twissi lil hatja Jennifer Galea bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv tas-sentenza.

Finalment b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputati ihallsu l-ammonti ta' flus kif indikat lill-persuni indikati u dana f'ishma ugwali bejniethom:-

1. Alfred Scicluna in rappresentanza tas-socjeta Playzone s-somma ta' €8119.50
2. Valerie Cutajar in rappresentanza tas-socjeta Sterling Jewellers s-somma ta' €908.46
3. Rappresentant Go Mobile s-somma ta' €232.94
4. Paul Fenech in rappresentanza ta' Classic Jewellers s-somma ta' €931.75.
5. Joseph Falzon, s-somma ta' €151.41
6. Maltapost, s-somma ta' €3445.14
7. Arthur Castillo in rappresentanza tas-socjeta Vascas, s-somma ta' €2159.33

U Duncan Buttigieg wahdu, qed jigi ikkundannat ihallas lil Paul Fenech in rappresentanza tas-socjeta Classic Jewellers, s-somma ta' €463.55. L-imputata Jennifer Galea qed tinghata zmien sitt (6) xhur mil-lum sabiex thallas sehma mil-ammonti indikati, filwaqt illi l-imputat Duncan Buttigieg ghandu ihallas sehmu mil-ammont dovut fi zmien sentejn(2) minn meta jiskonta l-piena karcerarja tieghu.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' dina is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------